MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1678/2002

**Carmel sive Charles Bianco f'ismu**
**U ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**Vs**

**Michael Montfort**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf u disgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm1,029.34), importa ta' tlettax-il kambjala ghall-ammont ta' Lm79.18 kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur u li mmaturaw fit-tletin jum ta' kull xahar bejn Novembru 1999 u Jannar 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Malcolm Pace jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma elf u disgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm1029.34), bl-imghax fuq kull kambjala mid-data li mmaturat.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**